-

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Gżira

# IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 55

[Nhar il-Tlieta 9 ta' Mejju 2023]

Il-Kunsilli Lokali l-Gżira ltaqa' bil-boardroom tal-Kunsill Lokali fil-5pm.

PREŻENTI:

Conrad Borg Manche – Sindku
Ralph Mangion – Viċi Sindku
Neville Chetcuti – Kunsillier
Ian Buhagiar- Kunsillier
Hugh Caruana- Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Jeremy Cardona – Kunsillier
Jessica Borg- Kunsilliera
Mario Azzopardi – Kunsillier
Alexander Zammit - Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Anthony Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

| | |
|---|---|
| 55.1 | Qari tal-ittri ta' apoloġiji |
| 55.1.1 | Id-D.S.E informa li l-kunsilliera J.Cardona, J.Borg, M.Azzopardi talbu biex ikunu skużati. Żied illi l-kunsillier A.Zammit qal illi x'aktarx mhux se jkun jista jattendi iżda ma kien hemm l-ebda konferma iżda la informa lill-Kunsill minn qabel it-talba ġiet approvata. |
| 55.2 | **Fil-5.25pm wasal is-sur R.Demicoli għan-nom ta' kumpanija li jixtiequ joffru servizz għar-residenti tal-Gżira għas-service tal-kompjuters tar-residenti. Is-sur Demicoli ta spjegazzjoni ta' dak illi jixtieq joffri qabel ma ġie skużat u telaq fis-6pm**<br><br>**Fis—6pm il-laqgħa tkompliet skont l-Aġenda**<br><br>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti |
| 55.2.1 | Id-D.S.E qal illi intbagħtet emajl mill-kunsillier A.Zammit li xtaq jagħmel intervent dwar punt fil-Minuti tal-laqgħa preċedenti. L-emajl intbagħtet lill-kunsilliera kollha. Qal avolja l-kunsillier Zammit mhux qiegħed preżenti xorta se jingħata d-dritt li jispjega l-punt tiegħu waqt laqgħa u b'hekk inqara l-emajl tiegħu fejn hu ma qabilx ma ċerti punti tal-Minuti. |
| 55.2.2 | Il-kunsilliera preżenti qal li s-Sindku kien skuża ruħu waqt il-laqgħa ta' nhar it-28 ta' Frar 2023 u illi ma sabu l-ebda oġġezzjoni fuq il-Minuti. Is-Sindku qal illi hu diġà skuża ruħu . |
| 55.2.3 | Il-kunsillier I.Buhagiar ippropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-kunsillier H.Caruana ssekondaħ. Kien hemm qbil unanimu. |
| 55.2.4 | Dwar punt 54.3.8 id-D.S.E informa li l-applikazzjoni intabgħatet. |
| 55.2.5 | Dwar punt 54.6.6 saret talba sabiex isiru magni tal-BCRS ġewwa Pjazza Gerry Zammit u biex isir waħda oħra tal-plastikk fejn diġa hemm magna ġewwa Sliema rd. Ma dan il-punt il-kunsillier N.Chetcuti qal illi hemm problema għalhiex hemm min qed jiftaħ il-boroż biex jieħu l-plastikk u jħallu l-imbarazz mall-art. |
| 55.2.6 | Fuq punt 54.6.1 il-kunsillier H.Caruana lmenta li infurzar mhux qed isir u preżenza ta' pulizija u wardens ma jeżistix fil-lokalita. |
| 55.3 | Korrespondenza mas-Sindku |
| 55.3.1 | Is-Sindku qal illi rċieva mingħand residenti ġewwa Sliema rd. Illi il-bankina niżżlet u qed jagħmel ħsara fuq il-karozza. Waqt diskussjoni intqal il-bankina baqgħet l-istess u x'aktarx għandu karozza baxxa. Għanda tintbagħat ittra lill-avukat. |

| | |
|---|---|
| 55.3.2 | Kien hemm qbil mat-talba sabiex isir Tower Crane barra l-Kunsill. |
| 55.3.3 | Il-Kunsill approva li l-Kunsill jħallas l-ammont ta' €5,000 lil Notebook sabiex residenti jieħdu kompjuters tagħhom għal ċerti servizzi b'xejn. Id-D.S.E qal illi fil-passat id-DLG kienu qalu li din hija illegali iżda l-pożizzjoni inbidlet ftit wara. Is-sur Demicoli ta spjegazzjoni fuq kif se taħdem fil-bidu tal-laqgħa. Kien hemm qbil unanimu. |
| 55.3.4 | Mount Carmel Band Club għamlu talba għall-assistenza għall-attivita tagħhom nhar is-Sibt 3 ta' Ġunju. Kien hemm qbil illi jintużaw parti mill-fondi tar-Reġjun [€13,000 max] għall-attivita. Is-serata se tiġi tiswa €12,500.<br>Il-kunsilliera N.Chetcuti u H.Caruana qalu li tajjeb nagħtu assistenza lill-Banda iżda biex fil-futur l-għajnuna tibda tingħata wkoll lill-entitajiet oħra. |
| 55.3.5 | Is-Sindku qal illi TM għamlu żball fl-applikazzjoni ta' triq San Ġorġ meta m'għarfux lill-Kunsill dwar ix-xogħolijiet għalhiex ħasbu li kienet taqa' taħt l-Imsida. B'hekk il-Kunsill tal-Gzira qatt ma ta feedback lura. |
| 55.3.6 | Is-Sindku informa li l-Kunsill rebaħ il-każ tal-ġnien. Il-kunsilliera qablu li qatt ma kella tibda din is-sitwazzjoni u l-kunsillier H.Caruana esprima is-sodisfazzjoni li avolja r-riġ kienet kontra l-Kunsill xorta waħda ttieħdet deċiżjoni tajba u rringrazzja lis-Sindku.<br>Is-Sindku qal illi l-applikant issa ma jistax jappella iżda avża l-każ kontra l-PA għada għaddejja u din il-każ ingħata favur il-Kunsill kien każ kontra l-Lands. |
| 55.3.7 | Il-kunsillier N.Chetcuti staqsa dwar il-possibilita li jsiru bollards ġewwa Manoel str. Is-Sindku qal għandom isiru bollards bi stainless steel. |
| 55.3.8 | Il-kunsillier H.Caruana talab illi l-bankijiet li hemm mar-roundabout tal-klinikk jingħataw passata żebgħa.<br><br>Is-Sindku talab l-approvazzjoni sabiex isir intercom ġdid għal-librerija/skola. Qal għanda tiswa €835. Kien hemm qbil. |
| **55.4** | **Mistoqsijiet tal-kunsilliera** |
| 55.4.1 | Ma kien hemm l-ebda mistoqsija |
| **55.5** | **Rapporti** |
| 55.5.1 | Ma kien hemm l-ebda rapporti |
| **55.6** | ***Items* oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |

| | |
|---|---|
| 55.6.1 | Jum il-Gzira: Kien hemm qbil sabiex isir f'Settembru meta titlesta triq Manoel de Vilhena. |
| 55.6.2 | Id-D.S.E qal illi ma jistax ikompli bit-tender tal-Landscaping qabel ma jkun jaf min se jkunu l-evalwaturi. Is-Sindku ssuġerixxa professur tal-universita li jista jkun t'għajnuna. Kien hemm qbil illi jekk jaċċetta jkun hu flimkien mall-kunsillier N.Chetcuti u H.Caruana. |
| 55.6.3 | Intqal illi ssir talba sabiex jittieħed azzjoni minħabba l-problema tal-ħamiem. |
| 55.6.4 | Il-kunsillier I.Buhagiar talab illi l-ħinijiet tal-Un/Loading tal-Child Nursery ġewwa triq San Albert tinbiddel. Id-D.S.E qal ħinijiet kienu saru bil-liġi u jekk jiftakar sew huma intintolati għal Alighting/Boarding mhux Un/Loading għal 24 siegħa iżda approvaw li tintuża bħala parking filgħaxija. |
| 55.6.5 | Id-D.S.E qal waslet talba sabiex isir bouncy castle fis-sajf ġewwa l-ġnien. Ma kienx hemm qbil. |
| **55.7** | **Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti** |
| 55.7.1 | Il-kunsillier I.Buhagiar ippropona li l-Minuti jiġu approvati. Il-Viċi Sindku ssekondaħ. Kien hemm qbil unanimu. . |
| **55.8** | **Mozzjoni** |
| 55.8.1 | Ma kien hemm l-ebda mozzjoni. |
| **55.9** | **Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.** |
| 55.9.1 | Il-laqgha intemmet ghall-ħabta ta' 8.15pm. Is-seduta li jmiss se tkun nhar il-Tlieta 6 ta' Ġunju 2023 |

Konfermati, illum nhar it-Tlieta 6 ta' Ġunju 2023

IFFIRMATA

IFFIRMATA

Conrad Borg Manche
Sindku

Anthony Attard
Dep. Segretarju Eżekuttiv